# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 16**

**Rikors maħluf numru 296/2010/2 GM**

***Lombard Bank Malta plc*, u b'dikriet tat-12 ta' Jannar 2019 *Marclem Limited* assumiet l-atti minflok *Lombard Bank Malta plc***

***v.***

**Avukat Kevan Azzopardi bħala stralċjarju f'isem *Power Point Limited* bħala debitur prinċipali u *J.J. Limited*, *Marclem Limited*, Joseph Mizzi u Clement Gauci bħala garanti solidali; u b'dikriet tat-12 ta' Jannar 2019 il-kawża ġiet ċeduta fil-konfront ta' *Marclem Limited***

1. Dan huwa appell ta' *Marclem Limited* ["*Marclem*"] (oriġinalment konvenuta iżda llum attriċi wara li assumiet l-atti flok l-attriċi oriġinali) minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2019 illi ikkundannat lil uħud mill-konvenuti l-oħra jħallsuha sehem

minn dejn illi kellu jitħallas lill-attriċi oriġinali u li tħallas, waqt li miexja l-kawża, mill-istess *Marclem* li għalhekk daħlet b'surroga fid-drittijiet tal-kreditur oriġinali. Il-fatti li wasslu għall-kawża seħħew hekk:

2. Il-kawża nfetħet minn *Lombard Bank Malta plc* ["*Lombard*"] kontra *Power Point Limited* ["*Power Point*"] bħala debitur ewlieni u kontra l-konvenuti l-oħra – fosthom *Malclem*, l-attriċi tallum – bħala garanti solidali b'talba li l-qorti tikkundannahom iħallsu tliet mija u ħamsin elf, erba' mija u sitta u tmenin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€350,486.91) mislufa lil *Power Point*.

3. *Power Point* u l-garanti *J.J. Limited* u Joseph Mizzi ressqu din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

> »5. Il-garanzija *in solidum* kienet intiża biex tagħmel tajjeb għad-dejn fil-kors normali tan-negozju, u mhux ukoll f'ċirkostanzi fejn il-bank jabbuża *in mala fede* mill-poteri tiegħu«

4. Waqt li miexja l-kawża quddiem l-ewwel qorti *Lombard* tħallas għas-saldu ħames mitt elf euroo (€500,000) mingħand *Power Point* u tlieta u ħamsin elf, ħames mija u wieħed u tletin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€53,531.88) mingħand *Marclem*, u assenja d-dritt litiġjuż tiegħu lil *Marclem*, li għalhekk ħadet post *Lombard* bħala attur fil-kawża, b'dan illi t-talba attriċi tnaqqset għal €53,531.88, daqskemm ħallset *Marclem.*

5. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »tikkundanna lil *Power Point Limited* tħallas is-somma ta' €53,531.88 lil *Marclem Limited*, lil Clement Gauci li jħallas is-somma ta' €13,382.97 solidalment ma' *Power Point Limited* filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha fil-konfront tal-istess *Marclem Limited*, ġà konvenuta f'din il-kawża; bl-imgħax legali mit-23 ta' Frar 2017 sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

»Spejjeż a kariku tas-soċjetà konvenuta *Power Point Limited* u Clement Gauci ħlief dawk tal-garanti *J.J. Limited* u Joseph Mizzi, u *Marclem Limited* fil-*veste* tagħha ta' konvenuta li huma a kariku tal-attur.«

6. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»… … … fil-kuntratt li bih ingħataw il-faċilitajiet bankarji hemm stipulat li l-bank seta' fi kwalunkwe żmien iwaqqaf il-faċilità u jitlob il-ħlas lura f'daqqa tal-bilanċ tad-debitu. Dan hu eżerċizzju li fiċ-ċrieki finanzjarji jissejjaħ *call-in*. Issa huwa notorju fost il-ħaddiema tal-banek u l-klijenti tagħhom li dan il-*call-in* fil-prattika bankarja m'għandux isir b'kapriċċ, imma għal xi raġuni valida, billi l-effett tiegħu jista' jkun devastanti fuq negozju li jopera permezz ta' faċilità bankarja intiża sabiex jiġbed il-flus meta jkollu bżonn iħallas il-kredituri tiegħu, u jiddepożita l-flus meta jitħallas mingħand id-debituri tiegħu. Il-prinċipju tal-bona fede, substrat tal-kuntratti kollha u b'mod partikolari tal-operazzjonijet kummerċjali, li huma prinċipalment ibbażati fuq il-fiduċja reciproka, jesiġi li l-klawżola in kwistjoni qiegħda hemm biex tħares l-interessi tal-bank, iżda mhux ukoll biex iġġib negozju għarkupptejh. F'dan il-każ, stranament il-*Lombard Bank* għamel *call-in* fuq *overdraft* li kien qiegħed jiġi operat kif suppost minn kumpannija li kienet sejra tajjeb fin-negozju, u mingħajr ma taha l-ebda raġuni valida l-għala kien qiegħed jagħmel hekk. Din ċertament mhix dik ir-*recognized banking practice* li bank kummerċjali mistenni jimxi biha. Għalhekk din il-qorti ma tistax ma tilqax il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti *Power Point Limited*, Joseph Mizzi u martu u Clement Gauci u martu illi l-garanzija *in solidum* kienet intiża biex tagħmel tajjeb għad-dejn fil-kors normali tan-negozju, u mhux ukoll f'ċirkostanzi fejn il-bank ma jużax il-poteri tiegħu b'mod raġjonevoli. Għalhekk avverat ruħha l-kundizzjoni riżoluttiva taċita, intiża f'kull kuntratt bilaterali, li jfisser li l-garanti Joseph Mizzi u martu huma maħlula mill-garanzija tagħhom.

»Wara l-ħlas lill-bank u s-surroga fid-drittijiet litiġjużi tiegħu, *Marclem Limited* assumiet l-atti minflok il-bank minn konvenuta u saret attriċi.

»L-ewwel konsegwenza ta' din il-metamorfosi legali hi li l-eċċezz-jonijiet tagħhom sfaw fix-xejn għaliex ħadd ma jista' jqanqal eċċezz-jonijiet kontrih innifsu. Dan seħħ għaliex **"**Meta l-kwalità ta' kreditur u ta' debitur jingħaqdu fl-istess persuna, tiġri *ipso jure* konfużjoni illi toqtol id-dejn u l-kreditu" (art. 1205 Kod. Ċiv.). Il-liġi tkompli tgħid li "Il-konfużjoni li tiġri fil-persuna tad-debitur prinċipali, tiswa lill-garanti tiegħu" (art. 1206(1) *ibid.*) iżda min-naħa l-oħra "l-konfużjoni li tiġri fil-persuna tal-garanti ma toqtolx l-obbligazzjoni prinċipali" (art. 1206(2) Kod. Ċiv.) u li "l-konfużjoni li tiġri fil-persuna ta' wieħed mid-debituri *in solidum*, ma tiswiex lill-kondebituri l-oħra ħlief għas-sehem li tiegħu hu kien debitur" (art. 1206(3) Kod. Ċiv.). … … …

»It-tieni konsegwenza hi li *Marclem Limited* daħlet fiż-żarbun tal-bank attur fil-konfront tal-konvenuti l-oħrajn. Daħlet ukoll fil-pożizzjoni privileġġjata ipotekarja tal-istess bank fuq il-beni tad-debitriċi prinċipali *Power Point Limited*. Issa barra l-obbligazzjoni lejn il-bank, il-garanti kollha, inkluż dik surrogata fil-jeddijiet tal-bank, għandhom rabta oħra bejniethom li hija awtonoma mill-obbligazzjoni rispettiva tagħhom lejn

il-bank. Din ir-rabta, li baqgħet bla mittiefa, hi li "L-obbligazzjoni tad-debituri *in solidum* lejn il-kreditur, tinqasam *ipso jure* bejn id-debituri li, bejniethom, huma obbligati kull wieħed għal sehmu biss" (art. 1106 Kod. Ċiv.). Barra minn hekk, il-leġislatur jagħmilha ċara li "l-kondebitur li jħallas id-dejn *in solidum* kollu, ma jistax jitlob mingħand l-oħrajn ħlief is-sehem ta' kull wieħed minnhom bl-imgħax minn dak in-nhar tal-ħlas, allavolja jkun hemm ċessjoni ta' jeddijiet (art. 1107(1) Kod. Ċiv).

»Għalhekk *Marclem Limited* ġiet surrogata fil-jeddijiet – u obbligi - tal-bank bħala kreditur tad-debitu kollu dovut minn *Power Point Limited* għas-somma ta' €13,382.97 kontra Clement Gauci (kwart mid-debitu), iżda m'għandha l-ebda jedd kontra l-garanti l-oħrajn *in vista* tal-eċċezzjoni tagħhom li seħħet il-kundizzjoni riżoluttiva taċita favurihom għar-raġunijiet fuq esposti fil-konfront tal-bank u għalhekk ukoll fil-konfront ta' *Marclem Limited* bħala s-suċċessur fit-titlu tal-istess bank.«

7. *Marclem* appellat b'rikors tat-13 ta' Frar 2019 li għalih il-parti l-oħra ma weġbitx. L-aggravju tal-appell ġie mfisser hekk:

»L-ewwel qorti laqgħet il-ħames eċċezzjoni ta' *Power Point Limited*, *JJ Limited* u Joseph Mizzi, fejn jingħad espressement hekk: .

> »"il-garanzija *in solidum* kienet intiża biex tagħmel tajjeb għad-dejn fil-kors normali tan-negozju, u mhux ukoll f'ċirkostanzi fejn ii-bank jabbuża *in mala fede* mill-poteri tiegħu."

»Asolutament mill-provi mressqa mkien ma rriżlta, jew seta' jirriżlta, li seta' kien hemm xi forma ta' *mala fede* da parti ta' *Lombard Bank Malta Plc*.

»Il-bank għamel *call-in* tal-faċiiità bankarja li hu ta lis-soċjetà *Power Point Limited* wara li din tal-aħħar assolutament ma kenitx qed tħaddem kif suppost il-kont bankarju tagħha, u kienet waqgħet sew lura fil-pagament u dejjem tħalli dak li jgħidulu *hard shoulder* fl-*overdraft facility* tagħha.

»B'hekk żgur li ma kien hemm ebda *mala fede* da parti tal-bank.

»Kif jirriżulta mill-ftehim li s-soċjetà *Power Point Limited* iffirmat mal-bank, din is-soċjetà kellha *overdraft facility*, u l-bank li ta din il-faċilità kellu kull dritt li jsejjaħ l-istess meta jrid. Fil-fatt fil-kuntratt hemm imniżżel speċifikatament hekk: "*The Bank shall be entitled at any time to call upon the company and / or surety to settle the company's indebtedness and pay the balance in the company's current account – a simple request in writing to the company or the surety to be deemed good and sufficient notice for this purpos*e".

»Wieħed ma jistax jifhem kif l-ewwel qorti abbraċċjat u laqgħet il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti *Power Point Limited*, *JJ Limited* u Joseph Mizzi, li "l-garanzija *in solidum* kienet intiza biex tagħmel tajjeb għad-dejn fil-kors normali tan-negozju, u mhux ukoll f'ċirkostanzi fejn il-bank jabbuża *in mal*a *fede* mill-poteri tiegħu".

»Il-garanzija li ngħatat kienet il-garanzija normali li dejjem tingħata minn diretturi ta' soċjetà u azzjonisti. Ma kien hemm ebda kondizzjoni marbuta magħha, kif donnha fehmet l-ewwel qorti. Barra minn hekk

hawn *si tratta* ta' obligazzjoni kummerċjali, fejn *a termini* tal-artikolu 115 tal-Kodiċi Kummerċjali, il-garanzija hija pprezunta, u kwindi, biex ma tappiikax il-presunzjoni stabbilita mill-liġi, irid isir kuntratt *ad hoc*. Ma sar xejn minn dan.

»L-ewwel qorti fis-sentenza tagħha tgħid illi Mizzi ma kienx jixtri l-ishma kieku George Grixti qallu mod ieħor. Madankollu bħala stat ta' fatt Mizzi ma xtarax l-ishma ta' *Marclem Limited*. Fil-fatt il-ftehim bejn *Marclem Limited* u Mizzi kien illi l-bejgħ kien kondizzjonali f'li Clement Gauci u *Marclem Limited* jinħelsu mill-garanzija li Clement Gauci kien qed jagħti lill-bank. Naturalment il-bank ma kien konvint xejn mill-posizzjoni finanzjarja ta' Joseph Mizzi u l-kumpannija tiegħu, u ma kienx dispost li jeħles lil Clement Gauci. Ma hemm xejn x'wieħed jiskanata dwar dan. Il-kreditur għandu kull dritt ma jirrilaxxax garanti tiegħu. B'hekk Mizzi ma għamel ebda pass li kieku ma kienx jagħmel, għax fil-fatt baqa' qatt ma xtara l-ishma – obbliga ruhu li ser jagħmel hekk, izda ma onorax l-obbligazzjoni minnu assunta.

»*Lombard Bank* kellu kull dritt li jitlob *repayment programme* min-għand id-debituri tiegħu, u b'hekk ma kien hemm assolutament ebda *mala fede*, kif qalet l-ewwel qorti. Wiehed ma jistax jifhem kif l-ewwel qorti qalet li l-kumpannija kienet sejra tajjeb fin-negozju u kienet qed topera kif suppost, meta din il-kumpannija lanqas biss kienet għamlet l-*audited accounts* tagħha għal numru ta' snin u li ma setgħetx tħallas l-*overdraft* lura fuq medda ta' 10 snin, meta wara biss sentejn qatgħet nifisha – għax wieħed irid iżomm f'moħħu li l-bank ma kienx esiġa pagament mil-lum għall-għada. Fil-fatt jekk kien minnu li l-proprjetà tal-kumpannija kienet tiswa daqs kemm qal Mizzi, xejn ma kien iżommu milli jbigħ il-proprjetà tal-kumpannija u jħallas id-dejn. Minn dan kollu Mizzi – li kien l-uniku direttur – ma għamel xejn.

»Anke r-*ratio* legali li seħħet kondizzjoni riżolittiva taċita da parti tal-ewwel qorti hija għal kollox inspjegabbli. Kif jista jingħad li hemm kondizzjoni risoluttiva taċita, fiċ-ċirkostanzi?

»Lanqas ma jista' jiftehem kif l-ewwel qorti ddiskriminat bejn il-garanti Gauci u Mizzi, u jekk għall-grazzja tal-argument seħħet kondizzjoni riżoluttiva taċita, allura din kellha seħħ fil-konfront tal-garanti kollha; anzi, kieku kellha ssehh, kien fil-konfront ta' Clement Gauci, li ma kienx għadu direttur, u li b'hekk ma kienx responsabbli għar-raġunijiet li għalihom il-bank kien għamel il-*call-in*. L-unika direttur li kien res-ponsabbli għall-aġir tas-soċjeta' *Power Point* (għax Clement Gauci kien irriżenja) kien Joseph Mizzi, u b'hekk *in pessima ipotesi se mai*, u bl-użu tar-raġunar tal-qorti (liema raġunar mhux qed jiġi abbraċċjat) kellu jiġi liberat Gauci u mhux Mizzi.

»*In vista* tas-suespost is-soċjetà appellant qiegħda wkoll tappella fuq il-kap tal-ispejjeż.«

8. *Marclem* għalhekk talbet illi l-qorti:

»… … …tirrevoka s-sentenza … … … tal-24 ta' Jannar 2019, billi tirriforma s-sentenza fis-sens illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti *Power Point Limited*, *J.J. Limited* u Joseph Mizzi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata u l-konvenuti *J.J. Limited* u Joseph Mizzi.«

9. Huwa minnu illi qalet sew l-ewwel qorti illi l-fakultà ta' bank li jtemm il-faċilità bankarja u jitlob il-ħlas lura minnufih tal-bilanċ ma hijiex fakultà li l-bank jista' jinqeda biha bla raġuni tajba – ikun kif ikun formulat il-patt relativ – għax il-benefiċjarju tal-faċilità għandu jedd jagħmel affidament li l-faċilità ma tintemmx kapriċċożament. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, iżda, din il-qorti ma tarax kif l-ewwel qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, *viz.* li l-bank kien *in mala fide*, meta l-kontradittur leġittimu għall-kwistjoni jekk kienx hemm *mala fides* – il-bank innifsu – ma kienx għadu parti fil-kawża. Din il-qorti lanqas ma tista' tqis il-kwistjoni jekk, fiċ-ċirkostanzi finanzjarji ta' *Power Point*, kinitx ġustifikata jew kinitx *in mala fide* d-deċiżjoni tal-bank li jtemm il-faċilità għax deċiżjoni bħal dik tista' tittieħed biss fil-preżenza tal-parti mixlija b'*mala fides*: ma tistax sentenza ttebba' b'xilja ta' *mala fides* lil min ma huwiex parti fil-kawża. Tassew illi l-appellanti meta assumiet l-atti bħala attriċi minflok *Lombard* daħlet floku fil-jeddijiet u obbligazz-jonijiet tiegħu, iżda dan ma jfissirx li daħlet floku biex tikkontesta x-xilja ta' *mala fides* li hija għal kollox personali għall-bank.

10. Għal din ir-raġuni t-talba għat-tħassir tas-sentenza safejn laqgħet il-ħames eċċezzjoni għandha tintlaqa'.

11. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tikkonfermaha fejn ikkundannat lil *Power Point* tħallas lill-appellanti tlieta u ħamsin elf, ħames mija u wieħed u tletin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€53,531.88), bilanċ tad-dejn ewlieni, flimkien mal-imgħaxijiet relativi;

ii. tikkonfermaha fejn ikkundannat lil Clement Gauci jħallas *in solidum* ma' *Power Point Limited* is-somma ta' tlittax-il elf, tliet mija u tnejn u tmenin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€13,382.97), flimkien mal-imgħaxijiet relativi, sehmu ta' wieħed minn erbgħa (¼) billi l-garanti kienu erbgħa (4);

iii. tikkonfermaha fejn ma qisitx it-talba kontra *Marclem Limited*;

iv. tħassarha fejn qalet illi l-garanti *J.J. Limited* u Joseph Mizzi huma meħlusa mill-effetti tal-garanzija u, minflok, tikkundanna lil kull wiehed u waħda minnhom iħallas *in solidum* ma' *Power Point Limited* is-somma ta' tlittax-il elf, tliet mija u tnejn u tmenin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€13,382.97), flimkien mal-imgħaxijiet relativi, sehemhom ta' wieħed minn erbgħa (¼) kull wieħed u waħda mill-bilanċ tad-dejn ewlieni.

12. L-ispejjeż tal-ewwel grad tħallashom *Power Point* u, *in solidum* magħha, kull wieħed u waħda mill-erba' garanti (fosthom għalhekk ukoll *Marclem*) fis-sehem ta' wieħed minn erbgħa (¼) kull wieħed u waħda. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom *J.J. Limited* u Joseph Mizzi fis-sehem ta' nofs (½) kull wieħed u waħda.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr